MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2009

Numru 749/2001

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CARMELO MAGRI**

**KONTRA**

**OMISSIS;**
**VINCENT CUCCIARDI ta' 50 sena, iben Vincent u Stella nee' Azzopardi, imwieled nhar fid-19 ta' Marzu, 1959, residenti fil-fond Flat 1, Two Gates Street, Senglea, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 212559M**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra 'l hawn fuq imsemmi Vincent Cucciardi li gie akkuzat talli:

1. Nhar id-9 ta’ Dicembru, 2000 gewwa l-Isla, matul il-gurnata kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kellux il-pussess tieghu l-awtorizzazzjoni biex jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mil-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u aktar talli naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta’ l-Att 1939 dwar il-Kontroll Interni tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli huwa recidiv b’sentenzi tal-Qorti liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat li fil-mori tal-kawza, cioe’ fi stadju ta’ interrogatorju Frankie Pace irregistra ammissjoni, bil-konsegwenza li din il-Qorti kif diversament preseduta ghaddiet biex taghti sentenza kontra Frankie Pace folio 34.

Ghalhekk din id-decizjoni hija wahda fil-konfront biss ta’ Vincent Cucciardi.

Rat l-Ordni ta’ l-Avukat Generali taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, folio 20;

Rat illi Vincent Cucciardi fil-mori tal-kawza rregistra ammissjoni, liema ammissjoni huwa baqa’ jikkonferma.

Illi fuq tali ammissjoni l-Qorti kif diversament preseduta ghaddiet biex taghti sentenza kontra l-istess Vincent Cucciardi a folio 71;

Sussegwentement ghall-istess, Cucciardi ntavola appell – konsegwentement nghatat sentenza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali (folio 93). Din il-Qorti (Appell Kriminali) regghet baghtet lil din il-Qorti (Gudikatura Kriminali) il-process biex

terga' tiddeciedi mill-gdid il-kawza kontra Vincent Cucciardi.

Rat li darba li rega' deher quddiem din il-Qorti l-imputat Cucciardi rega' riafferma l-ammissjoni tieghu (folio 100).

Din il-Qorti ghalhekk ghaddiet biex terga' tisma' t-trattazzjoni fuq il-piena.

Illi tista' tghid illi tali trattazzjoni damet biex issir in kwantu l-akkuzat ghal diversi drabi naqas li jidher kif ukoll minhabba bdil ta' Avukat Difensur.

Tenut dak kollu suriferit din il-Qorti qieghda ssib htija wara li rat ir-Raba' u s-Sitt Taqsima tal-Kapitolu 101 u l-Ewwel Skeda ta' l-istess Kapitolu. Rat ukoll l-Artikolu 22(2)(b)(ii) ta' l-imsemmi Kapitolu, ikkunsidrat illi ghalkemm din il-kawza ttawwlet b'mod redikolu, fil-fatt Vincent Cucciardi aktar tard fil-proceduri kien irregistra ammissjoni u zamm ferm maghha. Rat ukoll l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 in kwantu giet ammessa anke r-recidiva, taghzel ghal ragunijiet tat-tul kif suriferit li ma tapplikax l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 u qieghda tikkundanna lil Vincent Cucciardi ghal tlitt(3) xhur habs u ghal multa ta' erba' mija u sitta u sittin Ewro(€466), liema multa ghandha tithallas f'rati mensili ta' sitta u erbghin Ewro(€46), b'dan illi l-ewwel pagament ghandu jsir sa l-ahhar ta' Settembru, bl-ahhar pagamenet ikun fl-ammont ta' sitt Ewro(€6)
Tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs sabiex Vincent Cucciardi jircievi dik l-ghajnuna kollha li ghandu fil-problema li ghandu ta' abbuz ta' sostanzi lleciti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------